MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 810/2003

**QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA**
**Imħallef**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 9 ta’ Jannar 2004**

**Numru 14**

**Ċitazzjoni 810/2003**

**L-Avukata Ann Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *NCS Necoship S.A.***
***versus***
***Aosta Shipping Company Limited*, sidien tal-bastiment *M.V. Suerte***

Din hija kawża għal rimedju kawtelatorju taħt l-art. 37 ta’ l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili ġKap. 234ħ.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà konvenuta hija s-sid tal-bastiment *M.V. Suerte* reġistrat hawn Malta bin-numru 6608. Fit-23 t’April 2003 il-partijiet kienu iffirmaw *Time Charter Party* li bis-saħħa tiegħu is-soċjetà attriċi inoleġġjat il-bastiment għal perijodu definit. Is-soċjetà konvenuta, iżda, naqset milli twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha taħt il-ftehim, l-aktar dawk stipulati fil-klawsoli tnejn (2), sitta (6), sbatax (17), tmienja u għoxrin (28), sitta u sittin (66) u sebgħin (70), għax, għalkemm is-soċjetà konvenuta kienet marbuta li toffri bastiment fi stat effiċjenti u f’kondizzjoni tajba, il-bastiment kellu ħsarat fil-makkinarju tiegħu. Minħabba f’dan in-nuqqas tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi soffriet danni li, sa issa, telgħu għal wieħed u erbgħin elf u tmintax-il dollaru amerikan u tlieta u sebgħin ċenteżmu (U.S.$ 41,018.73) u għal sittin elf disa’ mija u wieħed u għoxrin euro (€ 60,921).
Billi s-soċjetà konvenuta ma għandhiex assi ħlief il-bastiment *M.V. Suerte*, u, jekk tbigħ jew b’xi mod tneħħi dan il-bastiment jew xi sehem fih, il-kreditu tas-soċjetà attriċi jkun eluż, is-soċjetà attriċi għandha interess illi, sakemm tingħata deċiżjoni dwar il-meritu tal-kawża bejn il-partijiet, din il-qorti tordna li ma jsir ebda trasferiment tal-bastiment jew ta’ xi sehem fih. Għalhekk, billi jidhrilha illi hemm il-kondizzjonijiet kollha li jrid l-art. 37 ta’ l-Att dwar Bastimenti Merkantili, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tordna li ma jsir ebda bejgħ jew trasferiment jew negozju tal-bastiment *M.V. Suerte*;
2. tordna li ma jsir ebda bejgħ jew trasferiment jew negozju ta’ ishma fil-bastiment *M.V. Suerte*;
3. tordna li ma ssir ebda reġistrazzjoni ta’ ipoteka navali jew *mortgage* fuq il-bastiment *M.V. Suerte*; u
4. tordna li l-ordni hekk mogħti jiġi notifikat lir-Reġistratur tal-Bastimenti Merkantili sabiex, sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ġudizzjarji, huwa ma jirreġistra ebda bejgħ jew trasferiment jew negozju tal-bastiment jew ta’ xi ishma fih, jew ipoteka navali jew *mortgage*, u ma joħroġ ebda ċertifikat ta’ tħassir.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

B’nota tat-3 ta’ Novembru 2003, is-soċjetà konvenuta wieġbet illi hija ma topponix it-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħruġ ta’ l-ordni msemmija fuq, kemm-il darba:

1. din it-tweġiba b’ebda mod ma titqies li hija stqarrija ta’ ħtija tas-soċjetà konvenuta — li tiċħad kull ħtija — jew li biha s-soċjetà konvenuta tkun qiegħda taqbel ma’ dak li jingħad mis-soċjetà attriċi;
2. it-tweġiba titqies bla preġudizzju għall-proċeduri ta’ arbitraġġ jew għal kull proċedura oħra mibdija jew li għad tinbeda bejn il-partijiet, la dwar il-kuntratt ta’ noleġġ meritu ta’ din il-kawża u lanqas dwar kull materja oħra; u
3. jiġi riservat kull dritt ta’ azzjoni favur is-soċjetà konvenuta.

B’nota tat-3 ta’ Diċembru 2003 is-soċjetà attriċi qalet li taqbel ma’ dawn il-kondizzjonijiet, u għalhekk tista’ tingħata din is-sentenza llum.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi, bla ħsara għall-pretensjonijiet tal-partijiet, tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà attriċi u l-kondizzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, u tordna illi, b’seħħ sa sena millum, ma jsir ebda negozju ta’ ebda xorta dwar il-bastiment *M.V. Suerte* reġistrat hawn Malta bin-numru 6608, jew dwar xi sehem fih. Tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tiġi minnufih notifikata lir-Reġistratur tal-Bastimenti Merkantili.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża jkunu regolati skond id-deċiżjoni fuq il-meritu.

Giannino Caruana Demajo — Antonella Cassar
Imħallef — Dep. Reġ.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------